# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Gimgha 1 ta' Dicembru, 2000 .

### Citazzjoni numru : 29/91G1(PC)

**Joseph Portelli .**

**vs**

**Paul; William u b'degriet tal-15 ta' Marzu, 1995, Dr. Michael Grech LL.D. gie nominat kuratur deputat biex jirrapprezenta lill-imsiefer William Portelli, u b'nota tas-17 ta' April, 1995 William Portelli assuma l-atti tal-kawza, peress li jinsab prezenti f'dawn il-gzejjer, u b'degriet tas-26 ta' Jannar, 1999 Dr. Aron Attard Hili gie nominat kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-imsiefer William Portelli; u Peter Paul ahwa Portelli - ilkoll bhala eredi tal-genituri taghhom Salvatore u Maria Portelli u lil Rita mart Carmelo Portelli, u Paola Buttigieg mart Giuseppe li b'degriet tat-13 ta' Marzu, 1991 gie nominat kuratur Deputat biex tirrapprezenta lill-assenti Kathleen Josephine Portelli u lill-avukat Dottor Riccardo Farrugia bhala Chairman u ghan-nom tal-Mid-Med Bank Ltd, u b'nota li biha Philip Manduca qed jassumi l-atti minflok Dr. Riccardo Farrugia nomine u dan ghan-nom tal-Mid-Med Bank limited - ilkoll ghal kwalunkwe interess li jista' jkollhom .**

**Il-Qorti,**

**Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha l-attur, wara li ippremetta :**

**Illi fil-fergha tal-Mid-Med Bank Ltd ta' Victoria, Ghawdex hemm depozitu fiss (A/C No. X100 776) intestat f'isem l-istanti u l-mejjet Salvatore Portelli ;**

**Illi dawn il-flus jappartjenu esklussivament lill-istanti, kif jigi pruvat waqt il-kors tal-kawza u l-fatt li kienu depozitati wkoll f'isem Salvatore Portelli - missier l-istanti - kien biss arrangament biex jigi facilitat id-depozitu tal-istess flus li l-istanti kien jibghat jew igib mieghu mill-Kanada meta kien jahdem f'dak il-pajjiz ;**

**Illi l-istanti kien interpella lil Paul Portelli f'ismu u f'isem il-konvenut l-iehor William Portelli u anki lil Peter Paul Portelli sabiex jaghtu l-kunsens taghhom mill-izbank u/jew trasferiment f'ismu tal-flus hekk depozitati u li sal-31 ta' Novembru, 1989 kienu jammontaw ghas-somma ta' tmintax-il elf mija tmienja u hamsin lira maltin, centezmu u seba' millezmi (LM18158.01,7) u filwaqt li inti Paul Portelli wegibt li tichad li dawn il-flus jappartjenu esklussivament lill-istanti, u Peter Paul Portelli baqa' ma wiegeb xejn .**

**Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :**

1. **Tiddikjara u tiddecidi li l-flus kollha li jinsabu depozitati fid-depozitu fiss A/C No. X100 776 mal-Fergha tal-Mid-Med Bank Limited tal-Belt Victoria, Ghawdex u li sal-31 ta' Novembru, 1989 kienu jammontaw ghal tmintax-il elf mija u tmienja u hamsin lira centezmu u seba' millezmi (LM18158.01,7) jappartjenu esklussivament lill-istanti, kif inghad .**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Awissu, 1990, u b'riserva ghal kull azzjoni ghad-danni .**

**Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni .**

**Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur minu mahlufa .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Paul, William u Peter Paul Portelli li eccepew :**

1. **Il-preskrizzjoni kwinkwennali a tenur tal-artikolu 2156 tal-Kodici Civili .**

2. **Illi fil-mertu u minghajr l-ebda pregudizzju ghall-premess, ma huwiex minnu illi l-istess depozitu bankarju, fiss, A/C No X100 776 mal-fergha tal-Mid-Med Bank Limited tal-Belt Victoria, Ghawdex, jappartjeni esklussivament lill-istess attur, kif jigi pruvat dettaljatament waqt is-smiegh ta' dina l-kawza .**

3. **Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti debitament guramentata minn Paul Portelli .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Dottor Philip Manduca nomine li eccepixxxa :**

1. **Illi jirrimetti ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti izda ma ghandux ibati l-ispejjez ta' din il-kawza .**

2. **Salvi eccezzjonijiet ohra .**

**Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut nomine mahlufa bil-gurament tieghu .**

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugha .**

**Ikkunsidrat :**

**Illi permezz tal-kawza prezenti, l-attur qed jitlob li jigi rikonoxxut bhala uniku proprjetarju ta' kont bankarju fiss intestat fuqu u fuq missieru, illum mejjet, fil-Bank HSBC, gia Mid-Med Bank .**

**Huwa jallega illi dan il-'joint account', minkejja li jsehhah lil missieru wkoll, huwa unikament tieghu, u kien infetah bi ftehim ma' missieru meta huwa kien jahdem il-Kanada, biex fih missieru jiddepozitalu l-flus li huwa kien minn zmien ghal zmien jaqla' mix-xoghol tieghu kemm dam jghix f'dak il-pajjiz .**

**Il-konvenuti jikkontendu illli dan m'hu minnu xejn, u fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, dan il-kont ghandu skond il-ligi jigi prezunt li jappartjeni kwantu ghal nofsu lill-istess attur u kwantu ghan-nofs l-iehor lill-eredi kollha ta' missierhom il-mejjet Salvu Portelli . Fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom, uhud mill-konvenuti jqajjmu wkoll il-preskrizzjoni kwinkwennali, imma matul il-kors tas-smiegh tal-kawza, u specifikament fl-udjenza tas-16 ta' Jannar 1992, din l-eccezzjoni giet irtirata . L-istess eccezzjoni imbaghad, ghal xi raguni**

**jew ohra, regghet giet imqajjma minnhom permezz ta' nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri pprezentata fit-12 ta' Marzu 1993 . Din il-Qorti pero' thoss illi, minkejja illi eccezzjoni simili tal-preskrizzjoni, skond il-ligi taghna, tista titqajjem fi kwalunkwe stadju tal-proceduri, gialadarba kienet gia tqajjmet fl-istadju preliminari tal-kawza u mbaghad giet volontarjament irtirata, ma tistghax issa terga' tiehu konjizzjoni ta' l-istess eccezzjoni, u ghalhekk qed tigi skartata .**

**Jibqa' ghalhekk biss sabiex jigi determinat jekk jezistux indikazzjonijiet bizzejjed biex jissostanzjaw il-pretensjoni ta' l-attur illi l-kont bankarju in kwistjoni jappartjeni esklussivament lilu .**

**Irrizulta mill-provi mressqa illi dan il-kont kien originarjament infetah minn Salvu Portelli flimkien ma' ibnu l-attur Joseph Portelli fit-23 ta' Gunju, 1972 fil-Mid-Med Bank Limited bis-somma ta' elf lira maltija (LM1000) (Dok. X a fol. 188 tal-process) . L-istess kont inghalaq fit-28 ta' Dicembru, 1996 b'bilanc ta' elf u mitt lira maltija (LM1100) u gie trasferit ghal kont gdid fl-istess Bank bin-numru X 100 776 . Matul iz-zmien baqghu jsiru depoziti regolari f'dan il-kont, biex skond l-ahhar 'statement' li gie esebit (Dok. A mac-Citazzjoni), jirrizulta li fit-23 ta' Novembru 1988, bid-depositi li lahqu saru, flimkien ma' l-imghaxijiet akkumulati, kien ilahhaq is-somma ta' tmintax il-elf mija tmienja u hamsin lira maltija (Lm18158) .**

**Gara pero' illi meta, in segwitu ghall-mewt ta' Salvu Portelli, l-attur ipprova jirtira dawn il-flus, sab il-kont imblukkat u gie mitlub mill-amministrazzjoni tal-Bank sabiex jipproduci l-kunsens ta' l-eredi kollha ta' Salvu Portelli . Infatti tnejn minn hutu bniet, u cioe' Carmen Vella u Bernadette Logan taw dan il-kunsens, kif jirrizulta mill-ittra Dok. XX (a fol. 82) mibghuta lill-atttur mil-legali ta' Carmen Vella u mill-affidavit ta' Bernadette Logan ipprezentat mill-attur permezz tan-nota tat-23 ta' Jannar 1995 (a fol. 102 –103) . Imma l-ahwa l-ohra, baqghu inadempjenti u nsistew ghall-prova konvincenti minghand l-attur .**

**Ta' rilevanza kbira f'din il-kawza hija d-depozizzjoni ta' xhud imparzjali, ir-reverendu Dun Guzepp Zammit, li ghamel madwar ghaxar snin jimla l-formula tat-taxxa tad-dhul ta' Salvu Portelli . Dan jenfasizza fid-depozizzjoi tieghu, illi meta Salvu kien imur ghandu biex jimlilu l-formula tat-taxxa u kien jiehu l-kotba kollha tal-Bank tieghu, kien jinsistilu biex ma jikludix l-interessi fuq il-kont illi kien jindika li kien tieghu u ta' ibnu Joseph Portelli, ghax fir-realta' kien jappartjeni biss lill-ibnu li kien jibghatlu l-flus mill-Kanada biex ipoggihomlu fl-istess kont . In sostenn ta' dan, gew esebiti diversi kopji tar-'returns' tal-taxxa tad-dhul ta' Salvu Portelli li jindikaw illi**

**tassew li dan il-kont qatt ma gie mnizzel bhala li jappartjeni lil Salvu Portelli, lanqas fl-okkazjoni meta l-Gvern kien ta koncessjoni lil min kien naqas li jiddikjara xi dhul biex jaghmel dikjarazzjoni spontanja .**

**Hekk ukoll hemm l-affidavit gia msemmi ta' Bernadette Logan, oht l-attur, li sostniet illi huha l-attur, kemm dan jghix ghandha l-Kanada, kien jahdem bil-lejl u bi nhar f'zewg jobs u kien jibghat hafna mid-dhul sostanzjali li kien jaghmel lil missieru biex ipoggihomlu f'dan il-kont bankarju li kellu f'dawn il-gzejjjer .**

**Minn naha l-ohra l-konvenuti li xehdu sostnew fid-depozizzjoni taghhom illi missierhom Salvu Portelli kien jaqla hafna flus mix-xoghol tal-biedja u l-bejgh ta' prodotti agrikoli u nfatti kien dejjem preokkupat kif ser jevita li jhallas hafna taxxa . Infatti jghidu illi darba kien anke avvicinahom bl-idea li jiddepozita xi flus tieghu il-Bank f'isimhom, imma dan baqa' qatt m'ghamlu . Jimplikaw ghalhekk illi ma kienet ser tkun xejn haga kbira illi dan l-arrangament ghamlu ma' l-attur u li attwalment dawk il-flus kienu kollha ta' missierhom . Baqghu pero' ma taw ebda spjegazzjoni ghaliex missierhom kien ghamel hekk biss ma' l-attur u mhux maghhom ukoll, gialadarba kien tassew wera din l-intenzjoni maghhom . Sinjifikanti pero' f'dan ir-rigward, u din hija haga li donna qabzet lil kulhadd, illi jirrizulta mill-istatement tal-Bank esebit bhala "Dok. A" mac-citazzjoni, illi bejn it-23 ta' Novembru 1988 u t-31 ta' Novembru 1989 il-kont bankanju in kwistjoni zdied b'ammont sostanzjali ta' tlet elef erba' mija hamsa u erbghin lira maltija (LM3445), hafna aktar mill-interessi altrimenti dovuti fuq is-somma li kien hemm is-sena ta' qabel . Salvu Portelli miet fis-sena 1983, u ghalhekk dan id-depozitu ma setghax sar hlief mill-attur innifsu, li zgur li ma kienx ser jibqa' jpoggi flusu fuq dan il-kont kieku ma kienx konvint u mohhu mistrieh illi l-kont kien tieghu biss . Infatti sa dakinhar ma kienx ghadu inqala inkwiet u l-attur jirrakkonta illi meta kienet ghadha hajja ommu kien mar maghha biex jirtira l-flus mill-kont, imma tawh parir li ma kienx jaqbillu billi kien ser jitlef l-interessi . Meta rega' pprova jirtirahom, ommu lahqet mietet u kien imbaghad li l-konvenuti rrifjutawh il-kunsens taghhom.**

**F'dawn ic-cirkostanzi, l-Qorti hija konvinta illi dan il-kont bankarju tassew jappartjeni lill-attur wahdu, u li l-arrangament li l-attur kellu ma' missieru kien wiehed genwin, maghmul bejn tnejn min-nies ta' ftit li xejn skola, imma li kellhom fiducja shiha f'xulxin .**

**Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ahwa Portelli, tilqa' t-talba attrici u tiddikjara illi l-flus kollha li jinsabu depozitati fid-Depozitu Fiss A/C**

**No X100 776 mal-Fergha tal-Mid-Med Bank Limited (illum HSBC) tal-Belt Victoria, u li sal-31 ta' Novembru 1989 kienu jammontaw ghal tmintax il-elf mija u hamsin lira, centezmu u seba' millezi (LM18,158.01,7) jappartjenu esklussivament lill-attur .**

**L-ispejjez ghanhdom jigu ssoportati unikament mill-konvenuti ahwa Portelli in solidum bejniethom, billi kienu huma li rrezistew li jirrikonoxxu lill-attur bhala proprjetarju ta' dan il-kont bankarju, u l-Bank konvenut m'ghandu ebda htija, anzi kien dover tieghu li jara li l-flus jinghataw lil minn verament kellu dritt ghalihom u ghalhekk iddikjara mill-ewwel li kien lest joqghod ghad-direzzjoni ta' din il-Qorti dwar il-kwistjoni .**

(ft) Paul Coppini
Magistrat .
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur .
S2991Pc
1823